# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

## Illum il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju 2019

**Kawża Nru: 16**

**Rik Ġur Nru: 396 / 13 JA**

**James Stanley Mattinson f'ismu proprju u f'isem ħutu assenti Charles Vincent Mattinson, Patricia Vary mart John Francis Vary**

**-vs-**

**Carol Josephine mart Anthony Pace, Emanuel Pearson Mattinson, u b'digriet tad-29 ta' Mejju 2013 l-istess Carol Josephine Pace ġiet konfermata bħala kuratriċi sabiex tirrappreżenta lill-assenti Josephine Irene Lockhart, u Jerry Harrison Reed bħala eredi universali ta' martu Sylvia Fatima Reed.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li ġie ppreżentat fit-23 t'April 2013 fejn ġie premess:

Illi fis-7 ta' Settembru 2008 mietet Carmela Pearson Mattinson magħrufa bħala Mattinson u l-wirt tagħha huwa regolat b'testment fl-atti tan-Nutar John Gambin tal-25 ta' April 2005 (Dok 'A, B, C u D') li permezz tiegħu, wara li ħalliet diveri legati, ħatret bħala eredi universali tagħha lis-sebat itfal tagħha, bid-dritt ta' akkrexximent u sostituzzjoni:

Illi sussegwentement mietet it-tifla Mary Sylvia Fatima Reed f'Cochran, USA fid-9 ta' Jannar 2011 u nnominat bħala eredi universali tagħha lill-żewġha Jerry Harrison Reed.

Illi wirt għadu ma ġiex likwidat u diviż.

Illi l-esponenti ma jridux jibqgħu iktar f'dan l-ista ta' ko-proprjeta'.

Illi qam disgwid dwar kif għandhom jiġu nterpretati u applikati l-legati ndikati fit-testment imsemmi u l-partijiet ma rnexxielhomx jaslu fi ftehim minkejja diversi tentattivi.

Għaldaqstant, mogħtija dawk l-provvedimenti xierqa u opportuni, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiffirma l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Carmela Pearson Mattinson *sive* Mattinson fuq imsemmija.

2. Timmetti l-legatarji fil-pussess tal-legati lilhom konċessi u konsegwentement tassenja l-legati taħt l-kondizzjonijiet stipulati fit-testment tad-deċujus u dan jekk hemm bżonn

permezz ta' periti nominandi u tagħti dawk il-provvediment xierqa u opportuni sabiex jiġu mwettqa x-xewqat tat-testatriċi.

3. Taqsam u tiddividi l-assi ereditarji ta' Carmela Pearson Mattinson *sive* Mattinson f'seba' porzjonijiet u tassenja porzjon lil kull wieħed u waħda mill-ko-dividendi partijiet f'din l-kawża.

4. F'każ li hemm xi assi, *in toto* jew *in parte* li ma jistgħux jiġu hekk diviżi u assenjati, li tordna l-liċitazzjoni ta' tali assi u tordna li r-rikavat jiġi assenjat lill-partijiet skont is-sehem rispettiv tagħhom u dan jekk hemm bżonn permezz ta' opra ta' periti nominandi.

5. Taħtar nutar sabiex jippubblika l-att opportun, kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi u tiffissa l-ġurnata ħin u lok għal pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur pro et noe u l-lista tax-xhieda.

Il-konvenuti ma ppreżentawx risposta u għalhekk huma kontumċji skont il-ligi – iżda permezz ta' nota (fol 145) iddikjaraw li jaqblu illi ssir il-qasmu u li kienu lesti joqogħdu għal kull deċizjoni li tagħti l-Qorti.

Il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku A.I.C. Alan Saliba illi estenda żewg rapporti, u lill-Avukat Dottor Abigail Critien bħala Perit Legali biex tassistih. Ir-rapporti taż-żewġ esperti ġudizzjarji jinsabu in atti a fol 336, 388 u 413.

Il-Perit Legali min-naħa tagħha kkonkludiet illi b'dan il-mod:

*"In konklużjoni allura l-esponenti hija tal-fehma li ma' kwalunkwe assi immobbli u mobbli li seta' kellha l-mejta Carmela Mattinson fid-data tal-mewt tagħha (u li dwarhom hemm qbil kif jirriżulta mill-verbal konġunt li sar quddiem il-Perit Tekniku Alan Saliba datat il-11 ta' Diċembru 2013) għandhom jittieħdu konsiderazzjoni s-sewgwenti:*

*a. id-donazzjoni tal-għalqa 'Ta' Wied Qoton' f'Birżebbugia lil Carol Pace u Emanuel Mattinson permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Att tan-Nutar Carmel Mangion. Din trid tittieħed in konsiderazzjoni għal finijiet ta' kollazzjoni;*

*b. Carol Pace u Emanuel Mattinson għandhom jingħataw kull wieħed is-somma ta' €6,600 bħala sehemhom mill-proprjeta' formanti parti mill-eredita' mertu tal-kawża li nbiegħet u li huma ma ħadux;*

*c. Il-kreditu li kellha favur tagħha l-mejta Carmela Pearson Mattinson sive Mattinson kontra Josephne Lockhart fl-ammont kumplessiv ta' 101,000 Lira Sterlina. Tali ammont għandu jitnaqqas mill-ammont eventwali li jkun imissha Josephine Lockhart;*

*d. Il-kreditu li kellha favur tagħha l-mejta Carmela Pearson Mattinson sive Mattinson kontra Emanuel Mattinson fl-ammont ta' €13,976.24 (ekwivalenti għal Lm6,000) u €800 – Total ta' €14,776.24. Tali ammont għandu jitnaqqas mill-ammont eventwali li jkun imissu Emanuel Mattinson;*

e. *L-ammont ta' 15,000 Lira Sterlina li skont it-testment tal-mejta Carmela Pearson Mattinson sive Mattinson kellu jagħtih Charles Mattinson, il-partijiet qablu li dan tħallas u għalhekk m'għandux jitqies;*

f. *Il-kont bankarju tal-HSBC bank f'isem James Mattinson u Carol Pace huwa fil-verita' kont bankarju t'ommhom il-mejta Carmela Pearson Mattinson sive Mattinson u għalhekk għalkemm mhux intestat f'isem il-mejta għandu jifforma parti mill-assi ereditarji tagħha."*

Illi l-ishma tal-partijiet huma miġbura a fol 419 u għalhekk il-partijiet għandhom jieħdu l-ammonti hemm imsemmja wara li tnaqqsu l-krediti u l-kollazzjonjiet neċessarji; l-attur James Mattinson għandu jieħu ħamsa u tmenin elf, ħames mija u dsatax-il Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€85,519. 92), l-istess somma li għandhom jieħdu ħutu Charles, Particia u Jerry, filwaqt li Emanuel jieħu tmiena u sittin elf, ħames mija u tlieta u sittin Ewro, u tmienja u sittin ċenteżmu (€68,563.68), u Carol tieħu tlieta u tmenin elf, tliet mija u disgħa u tletin Ewro, u tnejn u disgħin ċenteżmu (€83,339.92). Josephine Lochart billi kienet issellfet somma kbira biex tixtri proprjeta' għandha tagħti sitta u għoxrin elf, seba' mija u żewġ Ewro u tletin ċenteżmu (€26,702.30). Ir-raġunijet huma spjegati a fol 418 u qed jiġu riprodotti biex jagħmlu perti minn din is-sentenza;

**KOLLAZZJONI**

Ikkunsidrat dan kollu u kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Perit Legali, l-assi ereditarji fil-mertu ta' dan il-każ huma dawk indikati f'din il-tabella:

| | |
|---|---|
| **KOLLAZZJONI** | |
| **PROPRJETA' DISPONIBBLI** | **€ 467,281.00** |
| **DEJN JOSEPHINE** | **€ 112,222.22** |
| **DEJN EMANUEL** | **€ 14,776.24** |
| **SUBTOTAL** | **€ 594, 279.46** |
| **TNAQQIS €11,420** x 5 | **€57,100.00** |
| **TOTAL** | **€537,179.46** |
| **TOTAL** / 7 | **€76,739.92** |

Kif verbalizzat fl-udejnza tad-9 ta' Novembru 2018, il-partijiet qed jaqblu li l-aħwa Carol u Emanuel għandhom jirċievu s-somma ta' €6,600 kull wieħed bħala sehemhom minn żewġ porzjonijiet raba (fis-Siġġiewi u f'Bengħajsa) li kienu nbiegħu u r-rikavat tagħhom inqasam bejn il-ħamest aħwa l-oħra.

Il-Qorti rat l-opzjonijiet diversi illi ssuġġerixxa l-Perit Tekniku u tħoss li l-inqas waħda li tqajjem diffikolta' hija l-ewwel waħda (fol 421). L-argumenti mressqa minn Josephine Lockhart li l-flus dovuti huma self u mhux donazzjoni u allura mhux soġġetti għall-kollazzjoni

fil-fehma tal-Qorti ma tagħmilx differenza għall-qasma għax bħala fatt hija debitriċi tal-wirt.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha attriċi, tordna li l-qasma relattiva ssir kif imsemmi fl-ewwel opzjoni tal-Perit Tekniku a fol 421 bil-proprjetajiet assenjati dawk skont ir-rapporti relattivi tal-Perit Tekniku; Josephine Lockhart għandha tibqa' tħallas lill-wirt is-somma fuq imsemmija.**

**Tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Abigail Critien bħala kuratur għall-eventwali kontumaċji.**

**L-ispejjeż inkluż tal-kuntratt, ikunu maqsuma ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Joseph Azzopardi**<br>**S.T.O. Prim Imħallef** | **Mario Debono**<br>**Deputat Reġistratur** |